**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs.**

**Christopher Sammut**

Numru: 461/2013

Illum 13 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Christopher Sammut**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Emanuel u Josephine neé Ellul, imwieled Catania fl-14 ta' Jannar 1972 u joqghod Samvel, Triq Annibale Preca, Lija, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 538772(M), akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk f'hinijiet u zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bejn id-29 ta' 30 ta' Marzu 2013 f'xi hin wara nzul ix-xemx f'Tal-Pietà u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-istabbiliment Fino Ferramenta u/jew Choices, liema serq, li huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li

ma jeccedix €2329.37, sar ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara, li ma tiskorrix €1164.69 imma hija izjed minn €116.47, saret ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

3. bejn is-6 u t-8 ta' April 2013, anke f'xi hin wara nzul ix-xemx f'Tal-Pietà u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-istabbiliment Fino Ferramenta u/jew Choices, liema serq, li huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix €2329.37 sar ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

4. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li ma tiskorrix €116.47 saret ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

5. bejn is-6 u t-8 ta' April 2013, anke f'xi hin wara nzul ix-xemx f'Tal-Pietà u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' tlett *laptop computers* mill-istabbiliment Anteprima Brand International Ltd., liema serq, li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix €2329.37 sar ghad-dannu ta' Marco Viale u/jew persuni ohra;

6. sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u talli wettaq reat/i waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' *probation* li jgibu d-dati 21 ta' Marzu 2012 u 11 ta' Gunju 2012;

7. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata il-11 ta' Gunju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz (inkluz ir-ritratti, is-*CD,* u r-rapporti ezebiti).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 247) datata 27 ta' Mejju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 17, 18, 28A, 28B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 253), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 247), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 256), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parti* tad-difiza (*a fol.* 257 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Geoffrey Azzopardi** (*a fol.* 21 *et seq.*) fir-rigward tal-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tas-serqa li giet rappurtata fit-30 ta' Marzu 2013 mill-fond Fino Ferramenta fil-Pietà. Jixhed li mill-investigazzjoni li saret irrizulta li min dahal fil-post irnexxielu jidhol minn fuq il-bejt. Jixhed ukoll rigward l-investigazzjonijiet li saru mill-istess fond fir-rigward ta' serqa li giet rappurtata fit-8 ta' April 2013. Irrizulta li saret serqa wkoll minn stabbiliment iehor li jinsab fl-istess blokka, liema stabbiliment jappartjeni lil Marco Viale. Jixhed li minn *CCTV recording* li l-Pulizija gew moghtija, dehret persuna tghatti wiccha u f'hin minnhom dan il-flokk li kien imtella' fuq il-wicc ta' din il-persuna, nizel u dehru partijiet mill-wicc ta' din il-persuna. Jghid: *"Fil-fatt jien hawnhekk jien nixtieq nezebixxi dawn ir-ritratti illi gew prodotti bhala photo-stills mill-membri taghna wkoll tal-Forensika wara li ghaddielna s-sur Ferris ghaddilna r-recording partikolari. Fil-fatt il-persuna tidher illi kienet dahlet fid-29 ta' Marzu ghal habta tad-disgha ta' filghaxija u zewg okkazzjonijiet ohra f'dak il-weekend meta giet irrapurtata t-tieni serqa jigifieri fis-6th. April u 7th. April. Fis-6th. April kien ghal habta tal-hdax ta' filghaxija filwaqt li fis-7th. April dan rega' dahal u jidher li liebes l-istess hwejjeg u kollox f'xi s-saghtejn ta' wara nofsinhar"* (*a fol.* 22). Jghid li meta ra l-*photo-stills* xebbah lill-persuna li tidher mal-imputat peress li kellu ftit konoxxenza tieghu u b'hekk l-imputat gie msejjah biex isirulu xi mistoqsijiet. Tul id-depozizzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Azzopardi ezebixxa hmistax (15) il-ritratt li gew immarkati bhala Dok. "GA 1" sa "GA 15" (*a fol.* 24).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Geoffrey Azzopardi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 139) fejn ezebixxa sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu 2002 fil-konfront tal-imputat, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "GA 16" (*a fol.* 142 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Geoffrey Azzopardi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 236) fejn spjega li l-flokk u z-zarbun li gew ezebiti mill-iSpettur Sarah Magri (*a fol.* 165) ma gewx mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt pero mir-residenza tal-imputat. Jghid li dawn ittiehdu peress li mill-*photo-stills* tas-*CCTV recording* deher illi l-persuna li dahlet fil-post, u dana wara li ghamel riferenza ghar-ritratti ezebiti *a fol.* 24, kien libes l-istess hwejjeg jew inkella hwejjeg simili.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk inhargitx ricevuta ghall-affarijiet elevati, wiegeb li ma jiftakarx ezatt. Jghid pero li dawn l-affarijiet gew elevati fil-prezenza tal-imputat mir-residenza tieghu.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Adrian Ferris** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa proprjetarju tal-istabbiliment Fino Ferramenta li jinsab fi Gwardamangia. Jixhed li darba minnhom, jispecifika li kien is-Sibt u li kien ix-xahar ta' qabel, u jghid li kien ghal bidu ta' April, hekk kif dahal ghax-xoghol sab *partition* ta' *gypsum* imcaqalqa bl-i*sliding door* (l-entratura tas-*showroom*) imsakkar. Jispjega li rrizultalu li minn kexxun fejn izommu l-*cash* sab li kien hemm l-ammont ta' €300 nieqes u dana peress li jibdew il-gurnata b'€150 *cash*. Jixhed ukoll li darba ohra, il-gurnata kienet it-Tnejn, sab li kien dahal xi hadd u li dan dahal fil-Gimgha l-Kbira tas-sena 2013 u l-ghada. Fir-rigward ta' dan jghid: *"L-istess din id-darba kellna deposits cash ammonti ta' €20 u €40 illi jammontaw apparti €300 starting kien hemm fuq €200 deposit, jigifieri t-totali xi €500 it-tieni darba"* (*a fol.* 27). Mistoqsi dwar il-hsarat li nstabu, jghid: *"Prattikament li ghamilna ahna awtomatikament wara li gara l-ewwel darba, it-tliet bibien, il-main doors ta' kull pjan biddilna c-cilindri. Sempliciment inbidel cilindru, poggejna cilindru gdid. Fit-tieni darba peress illi min dahal f'tal-Anteprima u ha l-laptops il-bieb ma kienx aligned allura peress li huwa bieb tal-hgieg tilef l-alignment il-fissa [...] faqqghet [...]. Riedet tinbidel ukoll"* (*a fol.* 27). Jghid li ghandhom *invoice* li tammonta ghal €94 [liema *invoice* ma gietx ezebita]. Jghid li l-kumpanija Anteprima jikru minn ghandhom.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Nicholas Ferris** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn spjega li kif appena huh qallu li kienu gew

misruqa, mar ghal fuq is-*CCTV cameras* u wara li gie stabbilit il-hin tas-serqa fuq ir-*recording*, dan ir-*recording* gie mghoddi lill-Pulizija. Jghid li dan gara fiz-zewg okkazzjonijiet li gew misruqa. Jixhed li l-filmat gie mghoddi lis-Surgent Kurt Zahra.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Marco Viale** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li huwa jopera n-negozju tieghu minn ufficju li jinsab fuq l-istabbililment Fino Ferramenta. Jghid li gew misruqa f'zewg okkazzjonijiet: darba minnhom fil-Gimgha l-Kbira fejn instab li kellhom €50 nieqsa u ma ghamlu xejn, u fil-gimgha ta' wara gew misruqa tlitt kompjuters. Ezebixxa *invoice* li giet immarkata bhala Dok. "MV 1" (*a fol.* 33).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed **PC 910 Shaun Pace** (*a fol.* 46) fejn spjega li fit-8 ta' April 2013 gew msejjha mill-Ufficjal Prosekutur Azzopardi biex imorru fil-fond fi Gwardamangia fejn ittiehdu disgha u hamsin (59) ritratt u gew elevati hames (5) *lifters*. Dawn gew immarkati bhala Dok. "SP 1" (*a fol.* 48 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 1314 Raymond Ambrogio** (*a fol.* 97 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport redatt minnu in segwitu ta' serqa li sehhet bejn id-29 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' Marzu 2013 fil-fond Fino Ferramenta. Dan ir-rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 99 *et seq.*). Jghid li dan ir-rapport kien jirrigwarda serqa ta' madwar tlitt mitt Euro (€300.00) minn *cash register*.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 1176 Kurt Zahra** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' April 2013 Adrian Ferris irrapporta li hekk kif dahal fl-istabbiliment tieghu Fino Ferramenta sab sgass u li kien dahallu xi hadd. Jghid li meta gie spezzjonat il-post, irrizulta li xi hadd kien imbotta *gypsum board* u ha access ghall-istabbiliment imsemmi. Jghid li minn stharrig li sar irrizulta li kien hemm erba' mitt Euro (€400.00) fi flus kontanti neqsin minn gol-*cash register*. Jghid li meta gie spezzjonat l-post gie nnutat li fit-tieni sular kien hemm serratura sgassata ta' *showroom* tal-ghamara pero ma rrizulta xejn nieqes. Jispjega li f'sular aktar il-fuq instab serratizz li Ferris kien sakkar it-tieqa bih, li kien maqlugh. Jghid li aktar tard

gie nfurmat is-sid ta' Anteprima Limited, li jigi fit-tielet sular, li sab neqsin tlitt (3) *laptops* tal-marka 'Apple' li jammontaw ghal bejn wiehed u iehor elf Euro (€1000.00) il-wiehed. Jghid ukoll li fit-tarag kien hemm pass marka ta' zarbun bit-trab tat-torba stess direzzjoni l-isfel u li ma kien jidher ebda sgass fuq il-bieb ta' isfel ta' barra. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "KZ 1" (*a fol.* 105 *et seq.*).

**PS 1176 Kurt Zahra** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 230) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fis-seduta tat-8 ta' April 2013. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "KZ 1" (*a fol.* 232 *et seq.*) u kif ukoll *footage* b'cd li gie mmarkat bhala Dok. "KZ 2" (*a fol.* 235).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 138) u dana *stante* li gie nominat[1] biex jiehu l-*finger prints* u l-*palm prints* tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv ma' dak esebit fl-atti processwali.

Is-**Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 174) fejn qal li minn ezami komparattiv li ghamel bejn l-impronti digitali li ha hu tal-imputat (Dok. "JM 1" u JM 2") flimkien ma' dawk li jirrizultaw minn Dok. "SP 1" (*a fol.* 48 *et seq.*) irrizulta li kien hemm impronta li ma kienitx tajba ghal fini ta' komparazzjoni. Jghid ukoll li kien hemm impronta ohra li ma taqbilx mal-impronti digitali tal-imputat pero rrizulta li kien hemm zewg impronti ohra li kienu jaqblu ma' dawk tal-imputat u jghid: *"huma identici ma' s-subgha tan-nofs u ta' l-id ix-xellugija ta' l-istess Christopher Sammut"* (*a fol.* 174). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 176 *et seq.*).

Is-**Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' April 2014 (*a fol.* 243 *et seq.* )[2] fejn spjega li gie awtorizzat biex jaghmel ezami komparattiv bejn il-*lifters* li kienu ezebiti rigwardanti dan il-kaz u l-formola tal-impronti digitali u l-marki tal-pali ta' idejn tal-imputat. Jghid li mill-analizi li saret kien hemm impronti li

[1] *Vide* verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 124).

[2] Dan in segwitu tan-nomina tieghu, liema nomina tirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 222 *et seq.*).

kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kienux. Jispjega li dawk li kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni, tlieta minnhom, qablu pozittivament ma' l-marka tas-seba' l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat, u tlieta ohra qablu mas-seba' l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat. Jghid li kien hemm *print* iehor li qabel ma' parti mill-pala ta' l-id ix-xellugija tal-imputat. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 4" (*a fol.* 245).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehed **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 152) fejn kien mitlub mill-iSpettur Sarah Magri sabiex jaccedi fil-fond Fino Ferramenta dakinhar tat-30 ta' Marzu 2013 rigward l-allegata serqa. Jghid li meta acceda fuq il-post, ha hsieb ix-xoghol li jinvolvi tfittxija ta' impronti digitali u xi evidenza ohra. Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "DA 1" (*a fol.* 154 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehdet ukoll l-i**Spettur Sarah Magri** (*a fol.* 165) fejn ezebiet is-segwenti: estratt mill-att ta' twelid tal-imputat, li gie mmarkat bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 166), zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "SM 2" u "SM 3" (*a fol.* 167 *et seq.*), u kif ukoll oggetti, li gew immarkati bhala Dok. "SM 4", liema oggetti gew elevati minn fuq il-post fejn sehhet is-serqa, inkluz maghhom hemm ukoll zarbun.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, xehed **PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 227) fir-rigward tar-relazzjoni li giet mhehhija minnu flimkien ma' PC 910 Shaun Pace liema relazzjoni tinsab immarkat bhala Dok. "SP 1" (*a fol.* 48 *et seq.*). Jghid li din ir-relazzjoni saret in segwitu tal-istruzzjonijiet li gew moghtija mill-iSpettur Azzopardi fit-8 ta' April 2013.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **PS 122 Arthur Borg** (*a fol.* 228) fejn spjega li fit-30 ta' Marzu 2013 gie msejjah mill-iSpettur Sarah Magri sabiex jaghmel xoghol ta' fotografija fil-fond Fino Ferramenta. Ipprezenta faxxikolu ta' ritratti, liema faxxikolu gie immarkat bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 229A).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JF 2" – *a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Azzopardi, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat ghazel li ma jikkumentax ghad-domandi kollha li sarulu mill-iSpettur Azzopardi. F'din l-istqarrija, l-imputat ikkonferma li aktar qabel huwa offra li jittiehdu l-*fingerprints* tieghu b'mod volontarju biex ikunu jistghu jigu kkomparati ma' dawk li nstabu fuq il-post tas-serqiet. L-istqarrija giet iffirmata mill-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li jirrigwardaw serqiet u hsara volontarja li allegatament huwa wettaq fi granet differenti. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ta' zewg sentenzi ta' *probation* u talli rrenda ruhu recidiv.

Illi l-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq il-*lifters* li gew elevati mill-Pulizija tal-forensika meta accedew fuq il-post u li sar ezami komparattiv taghhom u kif ukoll minn dak li jirrizulta mic-*CCTV recording* li gie mghoddi lill-Pulizija. Apparti minn dan, mir-residenza tal-imputat gew elevati flokk u z-zarbun li gew ezebiti f'dawn il-proceduri mill-iSpettur Sarah Magri (*a fol.* 165), fejn l-Ufficjal Prosekutur Azzopardi jallega li dawn ittiehdu peress li mill-*photo-stills* tas-*CCTV recording* deher illi l-persuna li dahlet fil-post, u dana wara li ghamel riferenza ghar-ritratti ezebiti *a fol.* 24, kien libes l-istess hwejjeg jew inkella hwejjeg simili.

Illi, apparti dak li jirrizulta mill-*photo-stills* ezebiti f'dawn il-proceduri (Dok. "GA 1" sa "GA 15" – *a fol.* 24), hadd ma ra l-malvivent/i fis-serqiet in kwistjoni.

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq "*circumstantial evidence*". Da parte taghha, id-difiza tikkontendi li mill-atti tal-kawza ma hemmx lok li tinsilet l-inferenza biex tinstab htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

> "Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghal biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-*"point of comparison"*".

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> "Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti

misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

> "F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.
>
> [...]
>
> Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tad-decizjoni appena citata, cioé dik tat-22 ta' Novembru 2012, il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel jekk din ghandhiex tigi applikata jew le ghall-kawza odjerna.

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu ikunu

sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[3].

Illi l-Qorti tinnota li fl-ewwel rapport tieghu (Dok. "JM 3" – *a fol.* 176 *et seq*), is-Sur Joseph Mallia sab li zewg impronti kienu jaqblu ma' dawk tal-imputat. Quddiem il-Qorti huwa jghid: *"huma identici ma' s-subgha tan-nofs u ta' l-id ix-xellugija ta' l-istess Christopher Sammut"* (*a fol.* 174). Fit-tieni rapport tieghu (Dok. "JM 4" – *a fol.* 245 *et seq.*), is-Sur Joseph Mallia sab li tlitt impronti li kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni qablu pozittivament ma' l-marka tas-seba' l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat, u tlieta ohra qablu mas-seba' l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat. Huwa jixhed li kien hemm *print* iehor li qabel ma' parti mill-pala ta' l-id ix-xellugija tal-imputat. Minkejja li d-difiza, fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 257 *et seq.*), tittenta ggib fid-dubju dak li gie kkonstatat mill-espert is-Sur Joseph Mallia ghar-ragunijiet indikati minnha fl-istess sottomissjonijiet, fl-istess waqt mill-atti processwali jirrizultaw *photo-stills* tac-*CCTV recording* li gie elevat u kif ukoll il-hwejjeg li gew elevati mid-dar residenzjali tal-imputat. Minn dawn il-*photo-stills* (Dok. "GA 1" sa "GA 15" – *a fol.* 24)), b'mod partikolari dawk immarkati bhala Dok. "GA 6" u "GA 7", jidher wicc il-persuna li kienet qed wettaq is-serqa f'April 2013 liema wicc huwa dak tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, b'mod partikolari minn dak li jirrizulta mill-*photo-stills* imsemmija, mir-rapporti tas-Sur Joseph Mallia, u tenut kont tal-insenjament fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, ikkwotata hawn fuq, b'mod partikolari fejn inghad is-segwenti:

> "Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq",

[3] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-imputat wettaq is-serqiet li huwa gie akkuzat bihom taht **l-ewwel (1), it-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjonijiet**. Jirrizultaw pruvati wkoll il-kwalifiki tas-serq indikati (cioé dak tal-mezz, tal-hin, u tal-valur) fl-imputazzjonijiet imsemmija u dana *stante* li l-imputat kellu wiccu mghotti, wettaq is-serqiet tul il-lejl u l-valur ta' dak misruq jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Illi, fir-rigward **tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet** addebitati fil-konfront tal-imputat, f'liema imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li ghamel hsara volontarja fil-konfront tal-persuni msemmija fl-imsemmija imputazzjonijiet, il-Qorti tinnota li ma gewx ezebiti l-ebda dokumenti in sostenn ta' dawn il-hsarat. Minkejja li meta Adrian Ferris xehed (*a fol.* 25 *et seq.*) huwa spjega fiex kienu jikkonsistu l-hsarat li gew kagunati fil-konfront tieghu u minkejja li huwa qal li ghandhom *invoice* li tammonta ghal €94, ma gie ezebiet xejn f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dan, m'hemmx dubju li t-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati taghhom.

Illi **fis-sitt (6) imputazzjoni** l-imputat jinsab akkuzat li huwa recidiv u li kkommetta reati waqt li kien taht perjodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' *probation*. Fis-sitt (6) imputazzjoni ssir riferenza ghal zewg sentenzi: wahda moghtija fil-21 ta' Marzu 2012 u ohra moghtija fil-11 ta' Gunju 2012. Dawn iz-zewg sentenzi jiffurmaw parti mill-atti processwali u gew immarkati bhala Dok. "GA 16" (*a fol.* 142 *et seq.*) u Dok. "SM 3" (*a fol.* 170 *et seq.*). Jirrizulta li huma vera kopji tas-sentenzi msemmija u l-konnotati tal-persuna kontra minn gew moghtija huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, ghaldaqstant m'hemmx dubju li dawn is-sentenzi gew moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. M'hemmx dubju ghalhekk li s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Illi taht **<u>is-seba' (7) imputazzjoni</u>** l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 11 ta' Gunju 2012. Din is-sentenza giet ezebita f'dawn il-proceduri u giet immarkata bhala Dok. "SM 3" (*a fol.* 170 *et seq.*). Kif diga nghad hawn fuq, din hija vera kopja tas-sentenza msemmija u l-konnotati tal-persuna kontra minn giet moghtija huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, ghaldaqstant m'hemmx dubju li din is-sentenza giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Dan kollu japplika fir-rigward tas-sentenza moghtija fid-19 ta' Lulju 2010, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "SM 2" (*a fol.* 167 *et seq.*), liema sentenza ssir riferenza ghaliha fis-sentenza moghtija fil-11 ta' Gunju 2012 fir-rigward ta' seba' (7) xhur prigunerija li gew sospizi ghall-perjodu ta' sentejn. M'hemmx dubju ghalhekk li anke s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet ukoll sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati, u dana ghajr ghat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet. L-imputat ovvjament ser ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet li gew pruvati u ser jigi liberat minn dawk li ma gewx hekk pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "JF 1" – *a fol.* 7 *et seq.*) (li hija wahda refrattarja u minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi), in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, b'mod partikolari, il-fatt li huwa kiser zewg provedimenti *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fatt li huwa kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u kif ukoll il-fatt li huwa recidiv. L-imputat ma jridx jitghallem! Minkejja d-diversi cansijiet li huwa gie moghti biex jirriforma hajtu, huwa ma hax din l-opportunita'. M'hemmx dubju ghalhekk li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva b'dan illi l-Qorti ser titratta wkoll mal-imputat ghar-reati li taghhom kien instab hati

bis-sentenzi hawn fuq imsemmija u ghalihom kien inghata *probation.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 27 ta' Mejju 2014 u senjatament Artikoli 18, 28A, 28B, 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Christopher Sammut hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' seba' (7) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal perjodu ta' sentejn[4], tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' erba' (4) snin prigunerija, biex b'hekk l-imputat Christopher Sammut ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' erba' (4) snin u seba' (7) xhur prigunerija.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' elfejn, mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,221.25).[5]

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

[4] *Vide* sentenza datata 19 ta' Lulju 2010 (Dok. "SM 2" – *a fol.* 167 *et seq.*) u sentenza datata 11 ta' Gunju 2012 (Dok. "SM 3" – *a fol.* 170 *et seq.*)

[5] PS 404 Paul Camilleri (€228.02) (*a fol.* 96); PS 465 Daniel Abela (€76.79) (*a fol.* 158); is-Sur Joseph Mallia (€746.88) (*a fol.* 204); is-Sur Joseph Mallia (€1169.56) (l-ahhar pagna ta' Dok. "JM 4" – *a fol.* 245) .